# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 129, miżmuma nhar id-9 ta' Settembru 2020, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Abraham Aquilin | Għargħur LC | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Mayor |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |
| • Matthew Cethcuri | Rabat LC | Member |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Member |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | Member |

Membri Skuzati:

| | | |
|---|---|---|
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| • Omar El Arab | Pembroke LC | Member |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

127.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
127.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
127.3 Komunikazzjoni tal-President;
127.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
127.5 Kumunikazjoni
127.6 Rapporti;
  127.6.1 2nd quarter Management accounts
127.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
  127.7.1 Culture plan – set up of a culture sub comittee and start implementing strategy –
  127.7.2 Zibel NGO (To confirm)
  127.7.3 Hon David Thake visit (to confirm)
127.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
127.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-18:30hrs. Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 127.1 - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Romilda B Zarb, Anne Marie Muscat Fenech Adami, kienu skuzati
Is-sinjuri . Peter Sant Manduca u Omar El Arab kienu assenti

## 127.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 128 ittieħdu bħala moqrija. John Buttigieg ippropona li jkunu approvati, Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Pink October – Is-SE ippreżenta l-minuti u d-deċiżjoni li kien laħaq is-sottu kumitat ta' fuq l-attivitá tal-Pink October. Il-pjan kien li ssir mixja matul il-Victoria Lines. It-tluq ikun mir-Rabat u tispiċċa l-Madliena. Ir-Reġjun jofri trasport għall-parteċipanti mil-lokalitajiet tagħna. Minħabba l-problema tal-Covid, din l-attivitá ser tkun diffiċli biex tittella. Paul Vella ħareġ bi proposta oħra, fejn ippropona li jinxtraw numru ta' xemgħat roża u dawn jinbigħu għal-donazzjoni lill-pubbliku fejn issir data u jinxtelu mal-lokalitá. Anton Mifsud issekonda din il-mozzjoni u żied li għandna nixtru ukoll numru ta' pjanti u jkun l-istess prinċipju.
Il-membri qablu ma' din il-proposta.
Kien mitlub li jsiru ukoll t-shirts għall-voluntiera li jistgħu jgħinu fuq dan il-proġett.

Il-membri qablu li jallokaw somma ta' bejn elfejn u tlett elef Ewro.

Bħala parti mill-kampanja, ir-Reġjun irid jorganizza 3 laqgħat fil-Mosta, ir-Rabat u n-Naxxar biex iqajjem kuxjenza rigward dan il-kanċer. Is-SE qed ifittex tobba u persuni li jistgħu jitkellmu man-nies fuq dan il-att.

## 127.3 - Komunikazzjoni mil-President

## 127.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 127.5 – Komunikazzjoni

SPI.SCI.3.2020.Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'

Il-President ippreżenta l-komunikazzjoni mibgħuta mid-dipartiment rigward il-miżura I/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – aċċessibilitá u Mobilitá

Saret diskussjoni u Matthew Chetcuti ppropona li bħala proġett reġjonali, is-sit tar-reġjun isir iktar aċċessibli kemm viżwalment kif ukoll vokali. Anton Mifsud issekonda. Il-Membri qablu unanimament. Is-SE intalab jaħdem fuq din il-proposta.

Anton Mifsud ippropona li bħalaReġjun noffru servizz ta' Trasport bejn il-lokalitajiet kollha. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament. Fid-diskussjoni ssemma s-servizz il-ġdid tal-Gvern magħruf bħala Silver T. Is-SE intalab jesplora dan is-servizz u jara kif jista jestendi u jolqot iktar dawk l-inħawi li mhux milquta, kif ukoll bejn lokal u ieħor.

Festivals

Anton Mifsud tkellem dwar il Covid 19 u l-festivals. Huwa ppropona li l-attivitajiet kollha jkunu posposti għas-sena d-dieħla. John Buttigieg issekonda. Il-Membri qablu unanimament.

Toad Case.

Is-SE ippreżenta il-komunikazzjoni mill-avukat kif ukoll mid-direttur ġenerali rigward il-każ tat-Toad. Il-ftehim milħuq jistipola pagament ta' 165 elf ewro lill-kumpanija Toad. Paul Vella ippropona li r-Reġjun jagħlaq dan il-każ amikavolment u jħallas din is-somma, u jitlob lid-dipartiment ir-refużjoni ta' din l-ispiża. Abraham Aquilina issekondah. Il-membri qablu unanimament.

**Nanniet Malta**

Is-SE ippreżenta proposta ta' kollaborazzjoni bejn ir-Reġjun u Nanniet Malta. Il-membri talbu li dawn ikunu diskussi meta s-sitwazzjoni Covid 19 tmur għall-aħjar.

Christmas Choir Festival.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Christianne Mifsud, issekondata minn Mary Anne Muscat Fenech Adami, ipproponiet li l-festival tal-korijiet għandu jsir tentattiv li jittella fuq skala ridotta. Il-membri qablu ma’ din il-proposta. Is-SE ser jara jistax itella’ dan il-festival b-budget ridott ta’ madwar ħamest elef ewro.

## 127.6 – Rapporti

## 123.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 129. Abraham Aquilina ppropona li jitħallsu l-pagamenti. Christianne Mifsud issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 122.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja neqsin għoxrin ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 16 ta’ Ottubru fis-sebgħa ta’ filgħaxija.
Fi tmiem il-laqgħa waslet is-Sinjura Romilda B Zarb.

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 16 ta’ Ottubru 2020 | |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt